2024/651

14.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 386/2021

tal-10 ta' Diċembru 2021

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/651]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/356 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) li għandhom jiġu rrapportati lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([1]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/357 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-aċċess għal dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT) miżmuma f'repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([2]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/358 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-ġbir, il-verifika, l-aggregazzjoni, il-paragun u l-pubblikazzjoni ta' *data* dwar tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT) minn repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([3]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet ([4]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/360 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([5]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/363 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti dwar id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 rigward l-użu ta' kodiċi ta' rapportar fir-rapportar tal-kuntratti tad-derivati ([6]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/364 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-reġistrazzjoni għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 1.
([2]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 22.
([3]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 30.
([4]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 45.
([5]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 58.
([6]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 85.
([7]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 125.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/365 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sanzjonijiet, miżuri u investigazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(9) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 31bcb (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012):

"- **32019 R 0363**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/363 tat-13 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 85)."

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bh (ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"31bhb. **32019 R 0356**: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/356 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) li għandhom jiġu rrapportati lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 81, 22.3.2019, p.1).

31bhc. **32019 R 0357**: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/357 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-aċċess għal dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT) miżmuma f'repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 22).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-referenzi għall-membri tas-SEBĊ għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament Delegat, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA.

31bhd. **32019 R 0358**: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/358 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-ġbir, il-verifika, l-aggregazzjoni, il-paragun u l-pubblikazzjoni ta' *data* dwar tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT) minn repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 30).

31bhe. **32019 R 0359**: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359 tat-13 ta'Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 45).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1(2):

(i) il-kliem "jew tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "tal-ESMA";

(ii) il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-ESMA".

([8]) ĠU L 81, 22.3.2019, p. 128.

(b) Fl-Artikolu 14(3), il-kliem "jew lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "lill-ESMA".

(c) Fl-Artikolu 17(b), il-kliem "il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ta' pajjiż terz" għandu jinqara "il-Ftehim ŻEE jew il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz".

(d) Fl-Artikolu 27, il-kliem "jew lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "lill-ESMA".

31bhf. **32019 R 0360**: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/360 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 58).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 9(2), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-ESMA".

(b) Fl-Artikolu (10)2, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "L-ESMA".

(c) Fl-Artikolu 12:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "L-ESMA biss" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "L-ESMA biss jew, fir-rigward tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "L-ESMA".

(d) Fil-Parti 2 tal-Anness, fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 3 u fil-paragrafu 4, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-ESMA".

31bhg. **32019 R 0363**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/363 tat-13 ta'Diċembru 2018 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti dwar id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 rigward l-użu ta' kodiċi ta' rapportar fir-rapportar tal-kuntratti tad-derivati (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 85).

31bhh. **32019 R 0364**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/364 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-reġistrazzjoni għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 125).

31bhi. **32019 R 0365**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/365 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sanzjonijiet, miżuri u investigazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 128)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2019/356, (UE) 2019/357, (UE) 2019/358, (UE) 2019/359, (UE) 2019/360 u r-regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/363, (UE) 2019/364, (UE) 2019/365 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2021, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 385/2021 tal-10 ta' Diċembru 2021 ([9]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Rolf Einar FIFE

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([9]) ĠU L, 2024/650, 14.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/650/oj.